Qorti tal-Appell

(Kompetenza Inferjuri)

Imhallef Anthony Ellul

Appell numru: 385/2014

**Burmarrad Commercials Limited** **(appellata)**

**Vs**

**Claude Camilleri** **(appellant)**

Il-Gimgha, 29 ta' Lulju 2016.

Il-konvenut appella minn sentenza tat-Tribunal ghal Talbiet Zghar tal-4 ta' Marzu 2015 li biha:

i. Cahad l-eccezzjoni li l-azzjoni hi preskritta skond l-Artikolu 2148(f) tal-Kodici Civili.
ii. Ikkundanna lill-appellat ihallas lill-appellanti s-somma ta' elf tlett mija u hamsa u ghoxrin ewro u tmienja u hamsin centezmu (€1,325.58).

L-appellant appella u l-aggravji huma:

1. L-Artikolu 2148(f) tal-Kodici Civili japplika minkejja li l-kirja tal-vettura kienet saret permezz ta' skrittura privata.
2. It-Tribunal kien zbaljat meta kkonkluda li l-azzjoni m'hijiex preskritta ghaliex l-oggezzjoni tal-appellant kellha min-natura ta' tpacija. L-appellant qatt ma rrikonoxxa li jezisti kreditu fil-konfront tal-appellata.
3. Dwar l-ammont ta' CVA u kontravenzjonijiet qatt ma kien hemm kontestazzjoni. Mhux l-istess ghall-kirja tal-vettura, kif jirrizulta minn emails.

L-appellanti wiegbet fejn tat ir-ragunijiet ghalfejn l-appell ghandu jigi michud.

**<u>Konsiderazzjoni</u>**.

1. L-appellata harrket lill-appellant ghas-somma ta' €1,325.58, liema somma tirraprezenta:

> *"kwantu ghas-somma ta' elf u erbgha u ghoxrin euro u erbgha u ghoxrin centezmu (€1024.24) bhala prezz ghall-kiri lilu mis-socjeta attrici tal-vettura tal-marka Toyota Hiace (KBN074); kwantu ghas-somma ta' sebghin euro u tmienja u erbghin centezmu (€70.48) bhala refuelling charges fuq il-vettura mikrija; kwantu ghas-somma ta' tlieta u tletin euro u tnejn u sittin centezmu (€33.62), hlas ghad-dhul fil-Belt Valletta (CVA) dovut mill-konvenut izda mhallas mis-socjeta attrici; kwantu ghas-somma ta' tnejn u hamsin euro u tmienja u erbghin centezmu (€52.48), ukoll hlas ghad-dhul fil-Belt Valletta (CVA) dovut mill-konvenut izda wkoll imhallsa mis-socjeta attrici; kwantu ghassomma ta' tlieta u ghoxrin euro u disgha u ghoxrin centezmu (€23.29), bhala hlas ghal kontravvenzjoni ohra dovut mill-konvenut u wkoll imhallsa mis-socjeta attrici; u kwantu ghas-somma ta' mija u wiehed u ghoxrin euro u sebgha u erbghin centezmu (€121.47), bhala hlas ghal kontravvenzjoni u fee amministrattiva dovuti mil-konvenut u imhallsa mis-socjeta attrici."*

2. L-Artikolu 2148(f) tal-Kodici Civili jipprovdi li l-azzjoni ghall-kera ta' mobbli, hi preskritta bit-trapass ta' tmintax-il xahar. Il-kirja tal-vettura saret fid-19 ta' Awissu 2011, permezz ta' skrittura privata. Fit-12 ta' Gunju, 2014 l-appellata pprezentat il-kawza.

3. Fil-fehma tal-qorti, il-fatt li l-kirja tal-vettura saret bil-miktub ma jwassalx sabiex jigi applikat l-Artikolu 2151 tal-Kodici Civili. Disposizzjoni li tapplika fil-kaz ta' *"…kontinwazzjoni ta' fornituri, kunsinni bil-kreditu, xogholijiet, servizzi, jew qadi iehor,"* fit-Test Ingliz *"continuation of supplies, deliveries on credit, labour, services or other work"*. Il-kiri ta' vettura m'ghandu x'jaqsam xejn ma' dan. Dan apparti li dak il-provvediment japplika fejn il-kreditu jirrizulta *"…. minn kont accettat mid-debitur jew minn dikjarazzjoni ohra tad-debitur bil-miktub…"*. Il-kuntratt ta' kera mhu l-ebda kont u wisq inqas dikjarazzjoni tad-debitur fejn accetta l-ammont reklamat ghall-kiri tal-vettura. Tant hu hekk li l-kuntratt kien ghal kiri ta' vettura Toyota Hiace numru KBN 074 ghall-perjodu bejn 19 ta' Awissu 2011 u 26 ta' Awissu 2011, filwaqt li l-pretensjoni tal-appellata kienet mid-19 ta' Awissu 2011 sad-19 ta' Settembru 2011 (ara kont a fol. 32).

4. Kif qalet il-Prim'Awla[1] fis-sentenza **Stencil Pave (Malta) Ltd vs Dr. Maria Deguara noe**, tat-30 ta' Ottubru 2003:

> *"hija regola ewlenija fil-procedura li **l-prova li l-azzjoni hija preskritta trid issir minn min iqanqal l-eccezzjoni**, u ghalkemm il-parti attrici tista` tressaq provi biex tittanta xxejjen dawk tal-parti mharrka billi tmeri li ghadda z-zmien jew billi ggib `il quddiem provi li juru li l-preskrizzjoni kienet sospiza jew interrotta, il-piz jaqa` principalment fuq min jallega l-preskrizzjoni. Hi l-parti mharrka li trid tipprova li l-parti attrici ghaddhielha z-zmien utli biex tressaq ilkawza, u dan minn zmien minn meta dik il-kawza setghet titressaq"*.

5. L-eccezzjoni tal-preskrizzjoni estintiva tipprezumi hlas [ara sentenza tal-Prim'Awla fil-kawza **Vincenzo Chircop vs Simeone Azzopardi** deciza mill-Qorti tal-Appell (Superjuri) fil-25 ta' Frar 1920 (Vol. XXIV.i.373)[2]], cjoe' l-estinzjoni tal-obbligazzjoni. It-tieni eccezzjoni tal-appellant taqra:

> *"2. Illi fit-tieni lok u minghajr pregudizzju ghas-suespost, **ma hemm ebda ammont dovut mill-esponenti stante illi inter alia l-vettura de quo kienet replacement vehicle moghtija mis-socjeta rikorrenti sakemm dina issewwilu l-vettura kummercjali tieghu**. Illi mhux talli dawn ir-riparazzjonijiet hadu fit-tul ezagerat, talli b'rizultat ta' dawn it-tiswijiet, inkisru jew gew mgharrqa partijiet ohra tal-vettura li kienu tajbin, u dan kif taf tajjeb*

---

[1] Imhallef J.R. Micallef.

[2] Hekk ukoll fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell tal-14 ta' Dicembru 1914 fil-kawza **Joseph Styles vs Luigi Said** (Volum XXII.i.353), intqal: *"che, data dal convenuto **l'eccezione di prescrizione breve nei casi contemplate negli Art. 1911 e sequenti (illum Art. 2147 et seq. tal-Kodici Civili) la presunzione del pagamento che serve di fondamento a tale eccezione** non puo esser combattuta se non per mezzo del giuramento ai termini dell'articolo 1924 dell'Ordinanza citata (illum Artikolu 2160)."*

*is-socjeta rikorrenti. Certament illi ma jkunx gust u ekwu li s-socjeta rikorrenti tigi ppremjata kagun tan-nuqqasijiet gravi taghha stess."*

Il-qorti tasal biex taqbel mal-appellant, li minn din l-eccezzjoni ma jidhirx li kien qieghed jinvoka t-tpacija. Meta konvenut jinvoka t-tpacija bhala eccezzjoni, ikun qieghed **jammetti** li huwa debitur lejn l-attur, izda fl-istess waqt isostni li hu stess hu kreditur tal-attur. Pero' meta tqies il-kontenut tat-tieni eccezzjoni biss, il-qorti ma tistax tikkonkludi li biha l-konvenut ammetta li hu debitur tal-attur. Tant l-appellant ma kienx jirrikonoxxi li jezisti kreditu favur l-appellata, li fl-eccezzjoni jsostni li l-ebda hlas ma kien dovut ghaliex il-vettura nghatat mill-appellata bhala ***replacement vehicle*** sakemm issewwiet tieghu.

6. Madankollu, mill-istess eccezzjoni hu evidenti li fil-meritu l-appellat iddefenda ruhu billi kkontesta l-ezistenza tal-obbligazzjoni, tant hu hekk li sostna li l-vettura nghatat lilu mis-socjeta appellata bhala *replacement vehicle*, sakemm ghamlitlu xoghol ta' tiswija fuq il-vettura tieghu. Eccezzjoni ta' preskrizzjoni m'hijiex kompatibbli ma' eccezzjoni ta' din ix-xorta (ara sentenza ta' din il-qorti[3], **Theodora Gauci Borda et vs Frank Saverio Borda** tas-7 ta' Novembru, 2008).

   Inoltre, meta xehed, l-appellant qal:

   *"Jiena naqbel li CVA u l-kontravenzjonijiet irrid inhallashom u dawn naccetta li nhallashom, **pero l-kirja nghid illi ghadda z-zmien minn fuqha u m'ghandix naghtiha.**"*

   Fil-fehma tal-qorti b'dan il-kliem l-appellat ikkonferma li **ma hallasx il-kera**. Fis-sentenza **Vincenzo Chircop vs Simeone Azzopardi (**25 ta' Frar, 1920, Volum XXIV.i.373), intqal:

   *"che il convenuto …. ha confessato di non aver pagato fitto …. e quindi avendo confessato di non aver pagato, egli e' precluso dal poter eccepire la prescrizione quinquennale che egli oppone, la quale e' prescrizione presuntiva di pagamento ed e' inconciliabile colla confessione di non aver pagato, non potendo il convenuto dopo sifatta confessione dichiarare con suo giuramento a senso dello Art. 1924 di detta Ord. (illum Artikolu 2160 tal-Kodici Civili), di non essere debitore o di non ricordarsi se i fitti reclamati siano pagati."*

   Id-dikjarazzjoni tal-appellant li ma hallasx, m'hijiex kompatibbli mal-eccezzjoni tal-preskrizzjoni estintiva kontemplata fl-Artikoli 2147, 2148, 2149, 2156 u 2157 tal-Kodici Civili li jipprezumu l-hlas. Dak li japplika fil-kaz fejn id-debitur jinghata l-gurament (Artikolu 2160 tal-Kodici Civili), il-qorti ma tarax ghalfejn m'ghandux japplika wkoll fejn id-debitur jixhed minn jeddu.

[3] Imhallef P. Sciberras.

L-ghoti ta' raguni ghalfejn ma sarx il-hlas, mhuwiex rilevanti. Fis-sentenza **Zammit and Cachia Trading Co. Ltd et vs Mizzi**, deciza minn din il-Qorti[4] fis-7 ta' Dicembru 2005, intqal:

*""Il-konvenut ex confessis jammetti li huwa ma hallasx u offra l-ispjegazzjoni tieghu ghal dan in-nuqqas ta' pagament, allavolja ma ntalbet ebda raguni minghandu dwar dan. Biex wiehed jissellef mis-sentenza fl-ismijiet "Dr. Toni Abela nomine - vs - Maurice Vassallo", Appell, 19 ta' Mejju 2000, " li kieku l-konvenut xehed li m'ghandux jaghti flus lill-attur nomine u lanqas jiftakar li ghandu jaghtih, u waqaf hemm bla htiega ta' spjegazzjoni ulterjuri, allura l-eccezzjoni tieghu kienet certament tregi imma hawn si tratta ta' persuna li qeghda tistqarr bic-car bil-gurament taghha li ma hallsitx . Kwindi lanqas hu kaz li l-konvenut 'ma jiftakarx' li ghandu jaghti xi haga ghax hu jiftakar li ma hallas qatt";*

*"Anke jekk il-fattispeci kienu distinti, jghodd ghal kaz dak stabbilit fid-decizjoni a Vol. XXXVII. PI.p307, u cjoe', illi "ghall-azzjoni tal-kreditur ma tibqax opponibbli l-preskrizzjoni, jekk id - debitur b'att tieghu spontaneu ta' assunzjoni ta' certu sistema ta' difiza, ipoggi ruhu fi stat ta' fatt li jirrendi nkompatibbli l-posizzjoni guridika tieghu mal-prezunzjoni kostitwenti l-fondament tal-preskrizzjoni u l-forma permessa mil-ligi lill-kreditur biex jikkumbatti dik l-istess preskrizzjoni"*

7. Ghal dak li jirrigwarda l-meritu, t-Tribunal kien korrett meta kkonkluda li l-vettura ma nghatatx lill-appellant bhala *replacement vehicle*, izda nkriet lill-appellant. L-appellant xehed li l-vettura tal-appellata damet ghandu ghaliex:

*"Ir-rapprezentanti tas-socjeta rikorrenti lili kienu qaluli li x-xoghlijiet damu daqshekk sabiex jitlestew peress illi kienet damet biex giet is-suspension minn barra minn Malta. Ovvjament meta mbaghad kont imsiefer u kif diga' ghidt kienet skoprejt jien illi ma kienx hemm suspension, nghid illi meta kienu qaluli li s-suspension damet xahar biex tigi minn barra, dan ma kienx minnu ghaliex suspension ma kellix u meta nfurmajt lil Mario Gauci biha, b'dan 'il fatt, huwa qalli skuzani ma kontx naf."* (fol. 49).

Mill-kont li harget l-appellata fl-14 ta' Settembru 2011 b'riferenza ghax-xoghol li sar fuq il-vettura tal-appellat, fejn hemm deskrizzjoni tax-xoghol li sar fuq il-vettura tal-appellanti, ma tissemmiex *suspension* bhala *part* u wisq inqas li sar xi xoghol f'dan is-sens (fol. 22). Dan hu l-kont li hallas l-appellant. M'hemmx prova li kien hemm xi kont iehor. Ghalhekk il-verzjoni dwar is-*suspension* m'hijiex korraborata mill-kont, li fil-fehma tal-qorti hu l-ahjar prova tax-xoghol li effettivament sar fuq il-vettura tal-appellant. Inoltre ghalkemm f'korrispondenza li l-appellat baghat lil Margaret Gauci, ufficjal tas-socjeta appellata, jissemma li kellu jsir xoghol fuq is-*suspension* ta' wara tal-vettura, dan il-fatt ma jirrizultax mill-*job card* fejn hemm elenkat ix-xoghol li kellu jsir fuq il-vettura (fol. 18). Il-qorti lanqas ma tifhem ir-ragunament tal-appellant. Hu baqa' jinqeda bil-vettura li ha b'kera minghand l-appellata, minkejja li l-kirja kellha tkun ghal tmint ijiem. Li kieku ma riedx ikompli jikri l-vettura, kellu d-dmir li jirritornaha lura lil sid il-kera. M'hemmx prova li wara li skadiet il-

[4] Imhallef P. Sciberras.

kirja, il-partijiet ftehemu li l-appellant jibqa' juza l-vettura tal-appellata minghajr hlas.

Gialadarba l-appellant zamm il-vettura sad-19 ta' Settembru 2011, ghandu obbligu li jhallas il-kera. Inoltre, l-appellant xehed li meta ha l-vettura minghand l-appellata, osserva li kien hemm technometer, horn u radio li ma kinux qeghdin jahdmu. Pero' m'hemmx prova li kellu jsir xoghol fuqhom, u ghalhekk il-qorti ma tifhimx kif waqt it-tiswija saritilhom hsara. Dan apparti li l-appellant stess xehed li baqa' m'ghamilx tiswija taghhom.

**Ghal dawn il-motivi tichad l-appell bl-ispejjez kontra l-appellant**.

Anthony Ellul.